Co-funded by the European Union

youthIES

# Training Pack for Youth Workers - ACTIVITIES







# Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ – ATTIVITAJIET

# Modulu: Rakkontar tal-istejjer diġitali għal azzjoni dwar il-klima

## WERREJ


**L-1 ATTIVITÀ – *Rakkontar tal-istejjer diġitali għal azzjoni dwar il-klima*** ........ 2
ĦARSA ĠENERALI ........ 2
OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM ........ 2
STRUZZJONIJIET ........ 2
MATERJALI REKWIŻITI ........ 2
**IT-2 ATTIVITÀ – *Laboratorju tal-Integrazzjoni tad-Dejta u l-Viżwal*** ........ 3
ĦARSA ĠENERALI ........ 3
OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM ........ 3
STRUZZJONIJIET ........ 3
MATERJALI REKWIŻITI ........ 3
**IT-3 ATTIVITÀ – *Sfida Biex Timpenja Ruħek mal-Midja Soċjali*** ........ 4
ĦARSA ĠENERALI ........ 4
OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM ........ 4
STRUZZJONIJIET ........ 4
MATERJALI REKWIŻITI ........ 4

**L-1 ATTIVITÀ** – ***Rakkontar tal-istejjer diġitali għal azzjoni dwar il-klima***

## ĦARSA ĠENERALI

Din l-attività għandha l-għan li ssaħħaħ persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ billi tfornihom bil-ħiliet biex jiżviluppaw karattri konvinċenti għal narrattivi tal-klima, u billi jżidu r-relevenza u l-konnessjoni emozzjonali fir-rakkontar tal-istejjer.

## OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

- Li tifhem is-sinifkat tal-iżvilupp tal-karattri f'narrattivi tal-klima.
- Li titgħallem tekniċi biex tumanizza sfidi ambjentali astratti permezz ta' karattri relevanti.
- Li tesplora l-irwol tad-diversità u l-inklussività fl-iżvilupp effettiv tal-karattri.

Tul ta' żmien stmat: Madwar 60 minuta.

## STRUZZJONIJIET

1. Ibda b'preżentazzjoni qasira fuq l-importanza tal-iżvilupp tal-karattru f'narrattivi tal-klima.
2. Agħmel diskussjonijiet interattivi dwar l-irwol tal-karattri biex irawmu l-empatija u l-fehim.
3. Iffaċilita workshop tal-ħolqien tal-karattri, u inkoraġġixxi l-parteċipanti biex jiżviluppaw karattri li jirrappreżentaw diversi sfondi u esperjenzi relatati mat-tibdil fil-klima.
4. Ippromwovi diskussjonijiet fi gruppi sabiex taqsam u tirfina ideat fuq karattri, waqt li tiżgura l-inklussività.
5. Ikkonkludi b'sessjoni ta' riflessjoni fuq l-impatt tal-karattri f'narrattivi tal-klima.

## MATERJALI REKWIŻITI

Whiteboard jew flip chart
Materjali tal-kitba (pinen, markers, karti)

**IT-2 ATTIVITÀ – *Laboratorju tal-Integrazzjoni tad-Dejta u l-Viżwal***

## ĦARSA ĠENERALI

Dan il-laboratorju *hands-on* jagħti lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ ħiliet prattiċi sabiex jintegraw dejta u viżwali bla ebda xkiel fin-narrattivi tal-klima tagħhom, u jżidu l-kredibbiltà u l-interess.

## OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

- Li tirrikonoxxi l-irwol tad-dejta biex tipprovdi kuntest u kredibbiltà f'narrattivi tal-klima.
- Li tifhem l-impatt t'elementi viżwali fit-twassil ta' informazzjoni kumplessa.
- Li tiżviluppa ħiliet biex toħloq u tintegra viżwali fir-rakkontar tal-istejjer fuq il-klima.

Tul ta' żmien stmat: 3 sigħat

## STRUZZJONIJIET

1. Tibda b'preżentazzjoni qasira fuq is-sinifikat tad-dejta u viżwali fin-narrattivi tal-klima.
2. Tipprovdi tutorial fuq għodda u tekniċi ta' viżwalizzazzjoni tad-dejta.
3. Tiffaċilita laboratorju *hands-on* fejn il-parteċipanti joħolqu viżwali u jintegraw dejta relevanti f'kampjun ta' narrattiva.
4. Tinkoraġġixxi diskussjonjiet fi gruppi fuq dejta u rakkontar tal-istejjer viżwali effettivi.
5. Tikkonkludi billi tippreżenta x-xogħol tal-parteċipanti u tirrifletti fuq l-importanza tad-dejta u l-viżwali.

## MATERJALI REKWIŻITI

- Kompjuters u laptops
- Software tal-viżwalizzazzjoni tad-dejta.
- Kampjun ta' dejta tal-klima.
- Materjali għall-kitba.
- Materjali għall-preżentazzjonijiet.

## IT-3 ATTIVITÀ – *Sfida Biex Timpenja Ruħek mal-Midja Soċjali*

### ĦARSA ĠENERALI

Din l-attività tisfida lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ biex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġija tal-midja soċjali għall-promozzjoni ta' tagħrif fuq il-klima, billi effettivament jisfruttaw pjattaformi sabiex jamplifikaw in-narrattivi tagħhom.

### OBJETTIVI TAT-TAGĦLIM

- Li tifhem il-punti b'saħħithom u d-demografiċi ta' diversi pjattaformi tal-midja soċjali.
- Biex tiżviluppa ħiliet fit-tfassil ta' kontenut viżwali konvinċenti għal rakkuntar tal-istejjer għall-midja.
- Biex tesplora strateġiji għal rakkontar tal-istejjer interessanti fuq il-midja soċjali.

Tul ta' żmien stmat: 4 sigħat.

### STRUZZJONIJIET

1. Tibda b'ħarsa ġenerali fuq strateġiji effettivi tal-midja soċjali għall-promozzjoni ta' tagħrif fuq il-klima.
2. Tipprovdi għarfien fit-tfassil ta' kontenut għal pjattaformi differenti.
3. Tiffaċilita workshop fuq it-tfassil ta' viżwali t'impatt għar-rakkontar tal-istejjer għall-midja soċjali.
4. Tisfida parteċipanti biex joħolqu u jimplimentaw pjan t'impenn għall-midja soċjali ta' ġimgħa sħiħa fuq in-narrattiva tal-klima.
5. Tikkonkludi b'reviżjoni tal-istrateġiji tal-parteċipanti, tiddiskuti s-suċċessi u l-oqsma li jistgħu jibbenefikaw minn titjib.

### MATERJALI REKWIŻITI

– Materjali għall-preżentazzjonijiet
– Kompjuters jew smartphones
– Kontijiet tal-midja soċjali
– Materjali għall-kitba
– Għodda għall-ħolqien ta' kontenut viżwali

**Sħab:**

DIKJARAZZJONI TA’ RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista’ jsir minn l-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]